REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2281

tas-16 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 fir-rigward taż-żieda ta' kodiċi tas-sors ġdid għall-pjanti minn produzzjoni assistita u t-tibdiliet relatati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom ([1]) u partikolarment l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Billi:

(1) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 ([2]) ikun allinjat mal-kontenut ta' riżoluzzjonijiet rilevanti addottati jew emendati fit-tmintax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ("il-Konvenzjoni") li saret mis-17 sat-28 ta' Awwissu 2019 (CoP 18).

(2) B'mod partikolari, is-CoP 18 emendat ir-Riżoluzzjoni Conf. 12.3 billi żiedet kodiċi ġdid biex jindika s-sors ta' ċerti kampjuni tal-pjanti li ma jikkonformaw mal-ebda kodiċijiet eżistenti. Dak il-kodiċi tas-sors il-ġdid jenħtieġ li jiddaħħal fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012.

(3) Sabiex jittejjeb ir-rappurtar u tiġi ffaċilitata l-analiżi tal-kummerċ, il-formola ta' notifikazzjoni ta' importazzjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jenħtieġ li tiżgura l-inklużjoni tal-informazzjoni dwar is-sors tal-kampjuni nnegozjati. Biex jiġi ffaċilitat l-użu effiċjenti tar-riżorsi, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jkunu jistgħu jagħmlu użu minn stokks eżistenti ta' formuli ta' notifikazzjoni ta' importazzjoni għal perjodu tranżitorju limitat.

(4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jiġi emendat skont dan.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 jiżgura l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([3]), b'mod partikolari billi jfassal mudelli li jikkorrispondu għalihom il-permessi, iċ-ċertifikati u dokumenti oħrajn previsti f'dak ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament emendatorju jiġi applikat flimkien mar-Regolament li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 ([4]), u ż-żewġ Regolamenti emendatorji jenħtieġ li japplikaw mill-istess jum.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kummerċ tal-Fawna u l-Flora Selvaġġi,

([1]) ĠU L 61, 3.3.1997, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 (ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/2280 tas-16 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(2), jiżdied it-tieni subparagrafu li ġej:

"Sal-19 ta' Jannar 2023, in-notifiki ta' importazzjoni jistgħu, minflok, jimtlew billi jintużaw il-formoli stabbiliti fl-Anness II fil-verżjoni fis-seħħ fl-18 ta' Jannar 2022."

(2) L-Annessi I, III u V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 huma emendati skont l-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 huwa sostitwit bit-test fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS 1

L-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 792/2012 huma emendati kif ġej:

(1) Anness I, "Permess/Ċertifikat", huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 13 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għall-"1– Oriġinal", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 [1], u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(b) fil-punt 13 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għal "2– Kopja għad-detentur", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(c) fil-punt 13 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għal "3 — il-Kopja li għandha tiġi rritornata mid-dwana lill-awtorità tal-ħruġ", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(d) fil-punt 13 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għal "4 — il-Kopja għall-awtorità tal-ħruġ", u għal "5 — l-Applikazzjoni", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(2) Anness III, "Ċertifikat tal-wirja li tivvjaġġa", huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 14 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għall-"Oriġinal", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(b) fil-punt 14 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għall-"Kopja għall-awtorità tal-ħruġ", u għall-"Applikazzjoni", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

[1] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1).

(3) Anness V, "Ċertifikat — Mhux għall-użu barra l-Unjoni Ewropea", huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 9 tal-"Istruzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għall-"Oriġinal", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

(b) fil-punt 9 ta' "Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet" li jirreferu għall-"Kopja għall-awtorità tal-ħruġ", u għall-"Applikazzjoni", tiżdied ir-ringiela li ġejja:

"Y Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti".

ANNESS 2

"ANNESS II

	EUROPEAN UNION				**Annex II**
1	1. Importer	**IMPORT NOTIFICATION**		**No**	
		Council Regulation (EC) No 338/97 and Commission Regulation (EC) No 865/2006 on the protection of species of wild fauna and flora by regulating trade therein			
	2. Member State of import	3. Date of import			
ORIGINAL	4. Country of origin	5. Country of (re)-export			
	A 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
1	B 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
	C 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
	D 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
	E 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
	F 6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source	
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix	
		12. Common name of species		13. EU Annex	
	14. For specimens above which are of species listed in Appendix III to CITES, I attach the necessary documents from the (re-)exporting country.	15. Official stamp of border customs office:			
	Signature of importer or his authorised representative				

Struzzjonijiet u spjegazzjonijiet

1. Niżżel l-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

4. Il-pajjiż tal-oriġini huwa l-pajjiż li minnu ttieħdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, imwielda u mrobbija fil-magħluq, jew ippropagati artifiċjalment.

5. Tapplika biss meta l-pajjiż li minnu jiġu importati l-kampjuni ma jkunx il-pajjiż tal-oriġini.

6. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun.

9. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors:

W	Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
R	Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivu sa ma jsiru adulti
D	Annimali tal-Anness A imrobbija fil-magħluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, f'konformità mar-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali f'konformità mal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tiegħu
A	Pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
C	Annimali mrobbija fi-magħluq f'konformità mal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati minnu.
F	Annimali mrobbija fil-magħluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
I	Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ([1])
O	Qabel il-konvenzjoni ([1])
U	Sors mhux magħruf (irid ikun ġustifikat)
X	Kampjuni li ttieħdu fl-ambjent tal-baħar li ma jkunx taħt il-ġuriżdizzjoni ta' xi Stat
Y	Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex 'imnisslin artifiċjalment' kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti.

([1]) Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

10. L-isem xjentifiku għandu jkun l-isem użat fl-Anness C jew D tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

11. Niżżel III għall-ispeċi elenkat fl-Appendiċi III għal CITES.

13. Niżżel l-ittra (C jew D) tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li fih huwa elenkat l-ispeċi.

14. L-importatur għandu jibgħat l-oriġinal iffirmat (il-formola 1) u l-'kopja għall-importatur' (il-formola 2), u meta jkun il-każ jibgħathom flimkien mad-dokumenti tal-Appendiċi III tas-CITES mill-pajjiż (ri)esportatur lill-uffiċċju doganali tal-introduzzjoni fl-Unjoni.

15. L-uffiċċju doganali għandu jibgħat l-oriġinal ittimbrat (il-formola 1) lill-awtorità amministrattiva tal-pajjiż tiegħu u jirritorna l-'kopja għall-importatur' ittimbrata (il-formola 2) lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu."

EUROPEAN UNION

2

COPY for the importer

1. Importer

IMPORT NOTIFICATION | **No**

Council Regulation (EC) No 338/97 and Commission Regulation (EC) No 865/2006 on the protection of species of wild fauna and flora by regulating trade therein

2. Member State of import

3. Date of import

4. Country of origin

5. Country of (re)-export

	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
A		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex
B	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex
C	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex
D	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex
E	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex
F	6. Description of specimens (incl. (re-)export document number for CITES Appendix III species)	7. Net mass (kg)	8. Quantity	9. Source
		10. Scientific name of species		11. CITES Appendix
		12. Common name of species		13. EU Annex

14. For specimens above which are of species listed in Appendix III to CITES, I attach the necessary documents from the (re-)exporting country.

Signature of importer or his authorised representative

15. Official stamp of border customs office:

Struzzjonijiet u Spjegazzjonijiet

1. Niżżel l-isem u l-indirizz sħiħ tal-importatur jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

4. Il-pajjiż tal-oriġini huwa l-pajjiż li minnu ttieħdu l-kampjuni mill-ambjent naturali, imwielda u mrobbija fil-magħluq, jew ippropagati artifiċjalment.

5. Tapplika biss meta l-pajjiż li minnu jiġu importati l-kampjuni ma jkunx il-pajjiż tal-oriġini.

6. Id-deskrizzjoni trid tkun preċiża kemm jista' jkun.

9. Uża wieħed mill-kodiċijiet li ġejjin biex tindika s-sors

W	Kampjuni meħudin mill-ambjent naturali tagħhom
R	Kampjuni ta' annimali mrobbija f'ambjent ikkontrollat, meħuda bħala bajd jew bħala frieħ mill-ambjent naturali, fejn kieku kien ikollhom probabbiltà baxxa li jissoppravvivu sa ma jsiru adulti
D	Annimali tal-Anness A imrobbija fil-magħluq għal għanijiet kummerċjali f'operazzjonijiet inklużi fir-Reġistru tas-Segretarjat CITES, f'konformità mar-Riżoluzzjoni Conf. 12.10 (Rev. CoP15), u pjanti tal-Anness A artifiċjalment ippropagati għal għanijiet kummerċjali f'konformità mal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tiegħu
A	Pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Anness A, għal għanijiet mhux kummerċjali u pjanti mnisslin artifiċjalment, speċifikati fl-Annessi B u C, skont il-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
C	Annimali mrobbija fi-magħluq f'konformità mal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, kif ukoll partijiet u derivati tiegħu
F	Annimali mrobbija fil-magħluq, iżda li għalihom il-kriterji tal-Kapitolu XIII tar-Regolament (KE) Nru 865/2006 ma jiġux issodisfati, kif ukoll partijiet u derivati tagħhom
I	Kampjuni kkonfiskati jew maqbuda ([1])
O	Qabel il-konvenzjoni ([1])
U	Sors mhux magħruf (irid ikun ġustifikat)
X	Kampjuni li ttieħdu fl-ambjent tal-baħar li ma jkunx taħt il-ġuriżdizzjoni ta' xi Stat
Y	Kampjuni tal-pjanti miksuba minn produzzjoni assistita, li jitqiesu li mhumiex "imnisslin artifiċjalment" kif stabbilit fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 865/2006, u ma jitqisux li jkunu ttieħdu mill-ambjent naturali tagħhom minħabba li jkunu tnisslu jew tħawlu f'ambjent b'xi livell ta' intervent uman għall-fini tal-produzzjoni tal-pjanti.

([1]) Biex tintuża biss flimkien ma' kodiċi tas-sors ieħor.

10. L-isem xjentifiku għandu jkun l-isem użat fl-Anness C jew D tar-Regolament (KE) Nru 338/97.

11. Niżżel III għall-ispeċi elenkat fl-Appendiċi III għal CITES.

13. Niżżel l-ittra (C jew D) tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 338/97 li fih huwa elenkat l-ispeċi.

14. L-importatur għandu jibgħat l-oriġinal iffirmat (il-formola 1) u l-"kopja għall-importatur" (il-formola 2), u meta jkun il-każ jibgħathom flimkien mad-dokumenti tal-Appendiċi III tas-CITES mill-pajjiż (ri)esportatur lill-uffiċċju doganali tal-introduzzjoni fl-Unjoni.

15. L-uffiċċju doganali għandu jibgħat l-oriġinal ittimbrat (il-formola 1) lill-awtorità amministrattiva tal-pajjiż tiegħu u jirritorna l-'kopja għall-importatur' ittimbrata (il-formola 2) lill-importatur jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu."